**15 ta' Mejju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Francis Xavier Azzopardi *pro et noe*

*versus*

Kathleen Azzopardi *et*

## Dmirijiet ta' l-Esekutur Testamentarju - Artikoli 762, 763, 764, 765 u 776 tal-Kodiċi Ċivili

*Huwa dmir u obbligu ta' l-esekuturi testamentarji li jesegwixxu t-testment. Fl-esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu tagħhom huma għandhom l-obbligu bħala mandatarji li jużaw id-debita diliġenza u ma jistgħux jitnikkru u jiddawru bla bżonn biex jillikwidaw il-pendenza ta' l-esekuzzjoni tat-testment. Il-Qorti, fuq talba ta' l-*

*interessati, għandha tipprefiġġi lill-esekutur testamentarju terminu biex jesegwixxi t-testment jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari jiġġustifikaw dan il-provvediment u fin-nuqqas tiegħu fiż-żmien hekk prefiss tissostitwixxi għalih persuna oħra bħala esekutur.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li premezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi Joseph Paul Azzopardi u martu Carmela, ġenituri ta' l-atturi Azzopardi u Clarke u nanniet l-attur Beckett, b'testment *unica carta* in atti Dr. John Spiteri Maempel, ta' l-4 ta' Ġunju, 1954, kif modifikat b'testment ta' l-istess Joseph Paul Azzopardi in atti Dr. Francis Micallef, tas-16 ta' Marzu, 1972, innominaw lill-istanti eredi universali tagħhom, u in forza ta' l-aħħar ċitat testment ġie nnominat il-konvenut Joseph Azzopardi bħala esekutur testamentarju ta' l-imsemmi Joseph Paul Azzopardi; illi Carmela Azzopardi mietet fit-23 ta' Jannar, 1958 u Joseph Paul Azzopardi miet fid-29 ta' Settembru, 1979; illi l-konvenuta hija użufruttwarja ta' l-assi ta' Joseph Paul Azzopardi; illi l-konvenut Joseph Azzoppardi naqas li jieħu l-miżuri u l-prekawzjonijiet neċessarji biex jikkontrolla u jippreserva l-assi li tiegħu ġie nnominat esekutur testamentarju, kif ukoll li jieħu dawk il-passi neċessarji intiżi biex jevita li l-istess assi jiġu pperikolati, peress li l-istess konvenut Joseph Azzopardi jinnegozja fid-deheb, fil-ħaġar prezzjuż u f'oġġetti relattivi, huwa konkorrent tan-negozju li jifforma parti mill-assi tad-*decujus* u li fih l-istanti għandhom interess; illi l-konvenut ippermetta li l-post fejn hemm dan in-negozju u parti sostanzjali ta' l-assi tal-konjuġi Azzopardi jinfetaħ u jerġa' jingħalaq mingħajr m'għandu kontroll fuqu u mingħajr ma nforma lill-istanti; u peress li dan l-aġir tal-konvenut huwa preġudizzjevoli għad-drittijiet u interessi ta' l-istanti; talbu, għal dawn ir-raġunijiet: illi din il-Qorti tirrimwovi lil Joseph Azzopardi min-nomina tiegħu ta' esekutur testamentarju ta' l-assi ta' Joseph

Paul Azzopardi bit-testment fuq ċitat tas-16 ta' Marzu, 1972; u illi in sostituzzjoni tiegħu tinnomina esekutur testamentarju ta' l-istess assi;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta Kathleen Azzopardi, li biha qalet li r-raġunijiet miġjuba mill-atturi għat-tneħħija ta' l-esekutur ma jikkostitwux il-ġusta kawża li trid il-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Azzopardi, li biha qal illi l-eċċipjenti għadu mhux ikkonfermat esekutur testamentarju mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili billi mhuwiex fi grad li jagħmel l-inventarju minħabba raġunijiet oġġettivi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; illi huwa għamel dak kollu li seta' fl-interess ta' l-assi ereditarju, ma setax naturalment jarbitra fejn l-eredi ma qablux bejniethom; u illi r-raġuni mogħtija mill-atturi għar-rimozzjoni tiegħu, ċjoè li huwa ġojjellier konkorrent ma' l-atturi hija għal kollox speċjuża u anti-ġuridika, billi huwa ġie magħżul mill-awtur ta' l-atturi li kien jaf b'dan il-fatt, u l-eredi ma jistgħux jimpunjaw il-fatt ta' l-awtur tagħhom mingħajr ma jirrinunzjaw għall-eredità;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat:

Illi l-awtur ta' l-atturi, Joseph Paul Azzopardi, ir-raġel tal-konvenuta Kathleen Azzopardi miet fid-29 ta' Settembru, 1979 u ddispona mill-beni tiegħu b'żewġ testment, wieħed ippubblikat min-Nutar Dr. John Spiteri Maempel fl-4 ta' Ġunju, 1954 (li huwa għamel flimkien ma' l-ewwel mara tiegħu Carmela *sive* Lily li mietet fit-23 ta' Jannar, 1958) u l-ieħor

ippubblikat min-Nutar Dr. Francis Micallef fis-16 ta' Marzu, 1972. In forza ta' l-ewwel testment il-konjuġi Azzopardi, wara li għamlu xi prelegati, istitwew bħala eredi universali tagħhom lil uliedhom (l-atturi Francis Xavier Azzopardi u Carmela *sive* Lina Clarke, u lit-tifel ta' l-imsemmija binthom Carmela, l-attur Eric Beckett). It-tieni testment tiegħu kien wieħed addizzjonali u, għal dak li huwa relevanti għall-kawża odjerna, it-testatur ħalla lit-tieni mara tiegħu, il-konvenuta Kathleen Azzopardi, "*the general use and usufruct that is to say the life interest of all his estate of whatsoever nature, without any exception hereby exempting her from the obligation of drawing up an inventory and giving security therefore otherwise imposed by the Laws of Malta as usufructuaries*";

Ħassar is-sitt artikolu ta' l-ewwel testment tiegħu, fejn kien ħalla b'titolu ta' prelegat fejn jinbiegħ id-deheb tad-ditta J.P. Azzopardi & Co., sitwat Triq il-Merkanti, il-Belt, u nnomina "*as executor of this his last will and testament Mister Joseph Azzopardi*" (jiġifieri l-konvenut);

Illi m'hemmx dubbju li t-testatur seta' jaħtar esekutur testamentarju bis-saħħa ta' l-artikolu 799 (762) tal-Kodiċi Ċivili, u seta' jaħtar lill-persuna li jrid sakemm din ma tkunx ipprojbita mil-liġi milli tkun f'din il-kariga bħalma huma l-persuni imsemmija fl-artikoli 800 (763) u 802 (764), il-konvenut ma jaqax taħt l-ebda wieħed minn dawn l-artikoli (u dan del resto lanqas ma huwa pretiż mill-atturi). Issa l-artikolu 814 (776) ta' l-imsemmi Kodiċi jipprovdi kif ġej:

"*(1) The testamentary executor may, at any time, renounce his office, even though he shall have already commenced to act as executor;*

*(2) He may also on good cause shown be removed from*

*office*";

Illi preċiżament bil-preżenti istanza l-atturi qed jitolbu fl-ewwel lok li l-imsemmi esekutur testamentarju, il-konvenut Joseph Azzopardi, jiġi rimoss minn dik il-kariga. Minn kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni ma' l-istess att annessa, ir-raġunijiet li fuqhom l-atturi qed jibbażaw it-talba tagħhom huma dawn: illi l-esekutur testamentarju naqas li jieħu l-miżuri u l-prekawzjonijiet neċessarji biex jikkontrolla u jippreserva l-assi li tiegħu ġie nnominat esekutur; illi huwa naqas li jieħu l-passi neċessarji ntiżi biex jevita li l-istess assi jiġi pperikolat; illi huwa jinnegozja fid-deheb, fil-ħaġar prezzjuż u f'oġġetti relattivi, u huwa konkorrent tan-negozju li jifforma parti mill-assi tad-*decujus*, u li fih l-atturi għandhom interess; illi huwa ppermetta li l-post fejn hemm dan in-negozju u parti sostanzjali mill-assi tal-konjuġi Azzopardi jinfetaħ u jerġa' jingħalaq mingħajr ma għandu kontroll fuqu u mingħajr ma nforma lill-istanti; u peress li dan l-aġir tal-konvenut huwa ta' ħsara għad-drittijiet u interessi ta' l-istanti;

Illi qabel ma jiġu eżaminati l-gravami avvanzati mill-atturi, huwa spedjenti li in tema legali jiġu rrilevati l-punti li ġejjin. L-artikolu 803 (765) jgħid espressament li "*it shall not be lawful for any testamentary executor to intermeddle with the administration of the estate before he is confirmed by the Court of Voluntary judisdiction of the Island in which the testator resided at the time of his death*"; ħlief fil-każijiet prospettati fl-artikolu 807 riferibbilment għal "*such acts as cannot without prejudice be delayed*", u li jawtorizza lill-esekutur li fi żmien il-proċedura għall-konferma tiegħu tkun għadha miexja, li jieħu dawk il-miżuri "*as are necessary for the preservation of the estate*";

Illi kif ġie deċiż fil-kawża **Contessa Maria Teresa Apap**

**Bologna Gatto *vs* Avukat Dr. Joseph Reynaud *et nomine*,** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Ġunju, 1957, huwa dmir u obbligu ta' l-esekuturi testamentarji li jesegwixxu t-testment; u fl-esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu tagħhom huma għandhom l-obbligu bħala mandatarji, li jużaw id-debita diliġenza; u ma jistgħux jitnikkru u jiddawru bla bżonn biex jillikwidaw il-pendenza ta' l-esekuzzjoni tat-testment. Jekk jiltaqgħu ma' xi diverġenza ta' opinjoni mal-persuni interessati fit-testment, u ma jkunux iridu jassumu r-responsabbilità ta' l-opinjoni tagħhom bħala esekuturi, huma jistgħu liberament jipproċedu ġudizzjarjament u jitolbu, fil-kontestazzjoni ma' l-interessati, deċiżjoni mill-Qorti dwar il-mod ta' l-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet testamentarji u l-ħlas tal-legat; jekk isibu ruħhom intralċjati mill-interessati fil-ġbir tar-renti ta' l-eredità, il-liġi tipprovdilhom il-mezzi biex jirreklamaw id-drittijiet u l-poteri tagħhom ta' esekuturi; imma ma huma qatt ġustifikati li jitnikkru u jdumu ma jesegwixxu t-testment b'dewmien inġustifikat. Jidher ukoll mill-istess sentenza li f'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti, fuq talba ta' l-interessati, għandha tipprefiġġi lill-esekutur testamentarju terminu biex jesegwixxi t-testment, jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari jiġġustifikaw dan il-provvediment u fin-nuqqas tiegħu fiż-żmien hekk prefiss tissostitwixxi għalih persuna oħra bħala esekutur (Vol. XLI.I.433);

Ikkunsidrat:

Illi t-testatur ried lill-konvenut bħala esekutur ta' l-aħħar volontà tiegħu; u kwindi ftit jista' jkun hemm dubbju li jrid ikun hemm raġuni gravi biex dan jiġi mneħħi minn dik il-kariga li fdalu t-testatur, u floku sostitwit ħaddieħor mill-Qorti. Illi tali natura ma tirrivestix ruħha, fuq l-iskorta tal-provi prodotti; fir-raġunijiet avanzati mill-atturi, salv dak li se jingħad dwar l-istess raġunijiet aktar 'l isfel u se jiġi deċiż fuq l-iskorta prinċipji legali premessi hawn fuq. Infatti, il-konvenut għadu

lanqas biss ġie kkonfermat mill-Qorti kompetenti fl-inkarigu ta' esekutur. Għalhekk huwa prematur li tgħid li ma ħax il-passi neċessarji biex jikkontrolla l-assi tal-wirt, għax huwa vvjetat mil-liġi stess li jindaħal fl-amministrazzjoni ta' l-assi qabel ma jiġi hekk ikkonfermat. Mill-banda l-oħra huwa ħa ċertu prekawzjonijiet biex jippreserva l-istess assi bħalma huwa l-inventarju li għamel flimkien mal-persuni interessati, u ħallas kontijiet li ma setgħux jistennew dewmien. Il-fatt li ma installax *burglar alarm* fil-post ma jfissirx li huwa qed jipperikola l-assi, sew għaliex l-effett tagħha huwa wieħed dibattibbli u kemm għaliex huwa ssuġġerixxa li l-oġġetti jiġu ddepożitati l-bank *for safe-keeping*, ħaġa li l-atturi rrifjutaw. Huwa ukoll kwestjonabbli jekk huwiex kompitu ta' l-esekutur li jinstalla *burglar alarm*, jew inkella dan huwiex kompitu ta' l-eredi konċernati. It-tielet raġuni ma treġix lanqas, għaliex it-testatur kien jaf biċ-ċirkostanza hemm imsemmija, u ċjoè nonostante għażel li jinnominah bħala esekutur ta' l-aħħar volontà tiegħu, inoltre, l-funzjoni ta' l-esekutur hija dik li jesegwixxi t-testment u tieqaf hemm. Ir-raba' raġuni ma tirriżultax lanqas, għaliex l-esekutur fetaħ il-ħanut kull meta kien hemm xi neċessità li jsir hekk biss, fil-presenza tal-persuni interessati, u mhux għal skop ta' negozju; meta fetħu mhux fil-presenza ta' l-interessati kien biex jiġi spezzjonat mill-perit tas-sidien għall-fini tad-denunzja tal-wirt tagħhom u mhux dak tal-kontendenti f'din il-kawża, u biex jinqraw il-*meters* ta' l-elettriku u ilma, u kwindi ma ppreġudika bl-ebda mod lill-atturi. Isegwi li lanqas il-ħames raġuni ma hija attendibbli għall-fini tat-talbiet ta' l-atturi;

Illi madankollu hija impliċità fir-raġunijiet ta' l-atturi l-inerzja tal-konvenut fil-qadi ta' l-inkarigu tiegħu u din l-inerzja tirriżulta b'mod l-aktar lampanti. Infatti, it-testatur ilu li miet kważi ħames snin, u l-konvenut għadu lanqas ħa l-passi kollha neċesarji biex jiġi anke kkonfermat fin-nomina tiegħu ta' esekutur. Ir-raġuni li ta għaliex għadu ma ppreżentax l-inventarju tal-beni komponenti l-wirt in kwistjoni, u ċjoè li l-attur Francis

Xavier Azzopardi assuma li jagħmel id-denunzja tal-wirt u dan, safejn jaf hu, għadu ma għamilhiex, u huwa jixtieq li jibbaża l-inventarju tiegħu fuq dik id-denunzja, assolutament ma treġix. L-ewwelnett huwa jista' jagħmel l-inventarju indipendentement mid-denunzja tal-wirt, u f'każ ta' bżonn dejjem jista' jirranġah; u fit-tieni lok anke huwa, bħala esekutur testamentarju, jinsab obbligat li jagħmel id-denunzja tal-wirt lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, flimkien ma' l-eredi tad-*decujus* ... Il-konvenut mhux ġustifikat fid-dewmien tiegħu li jesegwixxi t-testment, u qed jonqos minn dmiru li ma jieħux il-passi neċessarji skond il-liġi, iżda qatt ma jista' jiġi ġustifikat li jieqaf u ma jagħmel xejn li jħalli t-testment inesegwit. Meta wieħed iqis li t-testatur ilu mejjet kważi ħames snin, wieħed ma jistax ma jitħassibx u ma jinsistix biex dak li għandu jsir isir, u tiġi likwidata l-pendenza ta' l-esekuzzjoni tat-testment;

Għaldaqstant, il-Qorti ser tagħti l-provvediment infraskritt fuq l-ewwel talba u tissoprassjedi fuq it-tieni talba sakemm jgħaddi ż-żmien relattiv hawn taħt imsemmi;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tagħti lill-konvenut Joseph Azzopardi erba' xhur żmien (prorogabbli għal raġuni ġusta mill-Qorti) biex jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex fl-ewwel lok jiġi kkonfermat mill-Qorti kompetenti fin-nomina tiegħu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Joseph Paul Azzopardi, u, imbagħad jesegwixxi l-aħħar volontà ta' l-istess *decujus* skond it-testmenti ta' dan ta' l-aħħar; u fin-nuqqas in-nomina tiegħu għandha tiġi kkunsidrata bħala mħassra; u in forza ta' din is-sentenza;

*Omissis.*